**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF;**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA Tat-2 ta' Frar,2001.**

**Citazzjoni numru 1105/00**

**KOPERATTIVA PRODUTTURI TAL-HALIB LIMITED**

**-VS-**

**ROBERT DEBONO**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-Koperattiva' attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenut huwa debitur tal-Koperattiva attrici fis-somma ta' elf disa' mija wiehed u disghin lira Maltin, tnejn u sittin centezmu (Lm1991.62,0) - kif jidher mill-anness prospett li qed jigi mmarkat Dokument KPH 1 - kwantu bilanc minn import ta' prezz ta'

merkanzija mibjugha lilu u konsistenti f'ghalf bilancjat, liema bilanc jinsab dovut;

Illi l-konvenut naqas li jhallas l-imsemmija somma bilancjali anke jekk dina tinsab dovut u wara li gie mitlub jaghmel dan verbalment u bil-miktub diversi drabi;

Illi jissussistu l-elementi kollha rikjesti sabiex jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 et

sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundannah ihallas is-somma ta' elf u disa' mija u wiehed u disghin lira Maltin tnejn u sittin centezmu (Lm1991.62,0) kwantu bilanc minn import ta' prezz ta' merkanzija mibjugha lilu u konsistenti f'ghalf bilancjat, liema bilanc jinsab dovut.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' April, 2000 u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-konvenut li jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqas li

jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u naqas li jidher ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqa kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talbiet jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

**Imhallef**

**Dep. Registratur**